# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 860/98 GC**

**Id-Direttur tal-Kuntratti u Chairman, Malta Development Corporation**

**vs**

**Joe Spiteri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi l-konvenut kien intrabat li jwettaq xoghol taht il-kuntratt "Masonry Repair Works at Various Industrial Estates" wara li l-attur kien accetta l-offerta maghmula mill-istess Joe Spiteri in segwitu ghal sejha ghall-offerti ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern (Avviz mid-Dipartiment tal-Kuntratti Nru. 6/96);

Illi l-ittra ta' accettazjoni relattiva kienet inharget fit-12 ta' April 1996 - (Letter of Acceptance 200/96);

Illi sussegwentement il-konvenut naqas li jwettaq l-obbligi kontrattwali minnu assunti bil-konsegwenza li l-attur kellu jaqa' fuq oblaturi ohra;

Illi bhala konsegwenza l-attur hallas l-ammont totali ta' erbat'elef, mitejn u seba' u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25,0) aktar fuq dan il-kuntratt;

Illi kemm skond il-ligi kif ukoll skond il-klawsola 23(B) tal-kondizzjonijiet generali tal-kuntratti li jiffurmaw parti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet, il-konvenut hu responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-inadempjenza tieghu;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu, kif fuq spjegat u responsabbli ghall-hlas lill-atturi tad-danni konsegwentement sofferti mill-istess atturi;

2. Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat'elef, mitejn u seba' u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25,0) jew somma ohra verjuri li okkorrendo tigi minn din il-Qorti likwidata ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 1997 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, kif il-konvenut ikollu opportunita' jispjega ahjar waqt il-mori tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ma sofrewx danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur Direttur tal-Kuntratti u lill-konvenut u lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

L-atturi, cioe d-Direttur tal-Kuntratti u l-Malta Development Corporation, qed jghamlu referenza ghall-kuntratt ta' "Masonry Repair Works at Various Industrial Estates" li gie mghoti lill-konvenut u dana wara li saret sejha ghall-offerti u wara li giet accettata l-offerta tal-konvenut. L-aturi jallegaw li l-konvenut naqas li jwettaq dawn l-obbligi kontrattwali minnu assunti u minhabba f'hekk l-atturi gew kostretti li jafdaw dawn ix-xogholijiet f'idejn offerenti ohra, b'dannu ghall-istess atturi, stante li huma kellhom ihallsu aktar ghall dawn ix-xogholijiet u cioe kellhom ihallsu total ta' erbat'elef, mitejn u seba' u sittin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25,0) aktar. L-atturi jippretendu li l-konvenut hu responsabbli biex ihallas lilhom l-imsemmija somma bhala danni;

Ghlahekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu u li ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni konsekwenzjali li sofrew l-atturi. Inoltre l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kundannat ihallas in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' Lm4267.25,0 jew somma ohra verjuri;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-imsemmija pretensjonijiet tal-atturi huma infondati;

Mill-provi prodotti l-imsemmija pretensjonijiet tal-atturi jirrizultaw sufficjentement pruvati. In effett jirrizulta li l-kuntratt in kwestjoni gie mghoti lill-konvenut, li pero da parti tieghu naqas li jghati l-garanzija rikjesta u naqas ukoll li jesegwixxi x-xogholijiet relattivi. Inoltre jirrizulta li fost il-varji kondizzjonijiet tal-kuntratt in kwestjoni hemm stipulat li jekk il-kuntrattur jew ma jibdiex ix-xoghol jew inkella jibdieh u jabbandunah, il-Gvern ikollu d-dritt li jaghti l-istess xoghol lill-offerenti iehor. Hawn hemm ukoll stipulat li d-differenza bejn l-offerta originali u dik ta' minn effettivament ikun ghamel ix-xoghol tithallas mill-kuntrattur originali. Jirrizulta li in effett lill minn esegwixxa dawn ix-xogholijiet thallset somma ferm akbar minn dik li kienet l-offerta tal-konvenut;

Da parti tieghu l-konvenut jammetti li huwa kien inghata il-kuntratt in kwestjoni u jammetti ukoll li huwa ma esegwiex ix-xoghol relattiv. Huwa jghid li ma setax jesegwixxi dan ix-xoghol peress li ma kellux fondi bizzejjed biex jibda dawn ix-xogholijiet. Din zgur li mhux raguni valida bizzejjed sabiex jista jinghad li l-konvenut kien gustufikat li ma jesegwix il-kuntratt;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Jirrizulta li d-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma totali ta' erbat'elef, mitejn u seba' u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25,0);

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu u li hu responsabbli ghall-hlas lill-atturi tad-danni konsegwentement sofferti mill-istess atturi u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat'elef, mitejn u seba' u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25,0) in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.